MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 217/2004

Kawza fil-lista: 39

***X R***
**vs**
***Y R***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Dicembru 1985, u minn dan ghandhom zewg t'itfal *Q* u *S*, [li twieldu rispettivament fil-11 ta' Gunju 1991 u fit-13 ta' Gunju 1993]; li "z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, tant li l-hajja matrimonjali bejniethom hija mpossibbli"; li huwa ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex jipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: "[1] tordna u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, kif ukoll il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; [2] tordna l-

bejgh tad-dar matrimonjali, b’ dana li l-flus jinqassmu bejn iz-zewg partijiet indaqs; [3] tordna li tipprovdi dwar il-kura u kustodja tal-ulied, kif ukoll id-drittijiet ta’ l-access; [4] tordna u tipprovdi dwar il-manteniment tal-ulied minuri, *Q* u *S*, kif jidhrilha xieraq u gust; [5] tordna l-hlas tas-self li hemm mal-bank bl-uzu ta’ l-ammont ta’ flus li jinsab fil-kont komuni, u jekk jifdal xi bilanc, mill-bejgh tad-dar [sic]; taghmel kull provediment iehor li jidhrilha xieraq;” bl-ispejjez;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet: li huwa minnu li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment, izda dan minhabba htijiet tal-attur li abbanudna d-dar matrimonjali; li d-dar matrimonjali kienet giet moghtija b’ donazzjoni mill-genituri taghha, u li hi qeda tghix fiha flimkien ma’ ulied-il partijiet; li l-kura u kustodja tal-minuri m’ghandhiex tinghata lill-attur;

Rat il-kontro-talba li permezz taghha l-konvenuta rikonvenzjonata talbet li [1] tigi pronunzjata s-separazzjoni personali minhabba ragunijiet li ghalihom jahti l-attur, fosthom abbandun, u eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kontra l-konvenuta martu; [2] tordna li l-attur jibqa’ allontanat mid-dar matrimonjali; [3] tafda lill-konvenuta l-kura u kustodja tal-minuri; [4] tawtorizza lill-konvenuta tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali ma’ uliedha, ad eskluzjoni tal-attur; [5] tapplika fil-konfront ta’ l-attur id-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16; [6][7] tordna lill-attur jhallas lilha manteniment ghalilha, u ghal uliedhom, f’ ammont fissat minn din il-Qorti, u li ghandhu jigi dedott direttament mis-salarju ta’ l-attur; [8][9] tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti u taqsamha f’ zewg ishma u tassenja lill-partijiet, tenut kont tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 48 u 51 tal-Kap.16; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat u li tinsab a fols.85 sa 89 tal-process u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-lista tax-xhieda, l-affidavits, u n-noti ta’ l-osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tfal minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u l-konvenuta qeda timputa dan il-fatt esklussivament lill-attur minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16. Il-partijiet cahdu dak imputat lilhom.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta’ Dicembru 1985 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, *Q* u Robert, li twieldu rispettivament fid-dati fuq indikati.

Illi sadanittant il-partijiet kellhom bhala d-dar konjugali taghhom, fond li l-genituri tal-konvenuta kienu akkwistaw l-art tieghu permezz ta’ skema governattiva, u bdew jibnu dar ghalihom, izda li wara xi zmien kienu ddecidew li jhallu lill-partijiet jghixu fih.

Illi wara xi zmien inqalghet il-kwistjoni fuq id-dar matrimonjali li xelfet ir-relazzjoni konjugali bejn il-partijiet. Konsegwentament il-genituri tal-konvenuta, biex jevitaw u jipprovaw isolvu l-inkwiet bejn il-partijiet, accettaw li jitrasferixxu lill-partijiet b’ donazzjoni rrevovkabbli l-imsemmi fond, liema kuntratt gie pubblikat fid-9 ta’ Awissu 2002.

Illi minkejja dan, ir-relazzjoni konjugali bejn il-partiijet kompliet tiddigenera, tant li fit-23 ta’ Gunju 2003 l-attur telaq mid-dar konjugali, filwaqt li l-konvenut baqghet toqghod f’ din id-dar flimkien maz-zewg ulied minuri tal-partijiet.

Illi c-citazzjoni odjerna giet prezentata fil-5 ta’ Lulju 2004.

*Verzjoni Attur*
Illi l-attur jghid li, wara erba’ snin ta’ konvivenza matrimonjali, “il-mara saret suspettuza hafna, tfittex il-passi tieghi l-hin kollu, takkuzani li kelli hsiebijiet ohra u elf argument iehor, li fl-ahhar ghamel il-hajja flimkien impossibbli” [Fol.13]. Jghid li “kien hemm problemi aktar serji ta’ natura sesswali u ta’ komunikazzjoni” u li l-konvenut kienet tirrifjuta li taghmel l-att konjugali mieghu, tant li l-att sesswali ghalih “kien sar holma.” Minn naha l-konvenuta bdiet tissuspetta li hu kellu mara ohra, peress li hi ma kienitx sesswalment attiva. Dan il-komportament da part tal-konvenuta kien qed jikkagunalu stress qawwi, tant li kien ihossu marid, bir-rizutlat li telaq mid-dar.

Illi wara li “il-genituri taghha fl-ahhar accettaw li d-dar tinqaleb fuq ismi u fuq isem il-marti bhala donazzjoni” il-partijiet pprovaw isahhu r-relazzjoni matrimonjali, izda nutilment; u eventwalment l-attur telaq mid-dar matrimonjali.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tichad li hi kienet riluttanti li taghmel l-att taz-zwieg ma’ zewgha, u tispjega li dan kien biss wara t-twelid tat-tarbija minhabba l-kondizzjoni fizjologika taghha f’ dak iz-zmien. Hija tghid li z-zwieg taghhom kien wiehed hieni sakemm, wara konvivenza ta’ hmistax [15]-il sena, l-attur beda jinsisti maghha u mal-genituri taghha li l-dawn jaqilbu d-dar konjugali, proprjeta’ taghhom, fuq isem il-partijiet. Dan kien kagun ta’ hafna glied, bir-rizultat li l-attur telaq mid-dar konjugali. Eventwalment, wara li l-genituri taghha accettaw li jaghtu b’ donazzjoni d-dar taghhom liz-zewg partijiet, biex isalvaw iz-zwieg tat-tifla taghhom, huwa rega’ rritorna lura d-dar.

Illi l-kuntratt ta’ donazzjoni sar fid-9 ta’ Awissu 2002, izda nonostante li l-konvenut kien jghid li ser ikompli fil-hajja konjugali mal-konvenuta, eventwalment beda juri bruda fil-konfront ta’ martu, u juri riluttanza biex jaghmel l-att taz-zwieg maghha. Il-konvenuta tghid li beda jinghalaq fih

innifsu, u qataghha minn hajtu. Tghid li l-att taz-zwieg l-ahhar li sar kien fis-19 ta' Marzu 2003.

Huwa beda johrog wahdu mal-hbieb u jdum barra sas-sieghat bikrin ta' filghodu. Dan, flimkien mar-riluttanza li jkollu x'jaqsam sesswalment ma' martu, u l-messaggi li kien ta' spiss jircevi fuq il-mobile tieghu, kien qajmu fil-konvenuta s-suspett li l-attur kien qed ikun infidil lejha.

Tghid li hi qatt ma riedet tissepara, u di fatti din kienet ir-raguni ghaliex, kemm hi kif ukoll il-genituri taghha, accettaw li jiddonawlhom id-dar taghhom; ghalhekk il-konvenuta kienet taccetta l-komportament biered da parti ta' zewgha bi sforz li ssalva z-zwieg.

Tghid li l-attur telaq mid-dar tlett darbiet, sakemm fl-ahhar darba telaq definittivament. Tispjega li "il-fatt ukoll li r-ragel telaq minghajr ma tani spjegazzjoni jew tani cans nifhem x' kien hemm hazin bejniethna, ghalija kien sors ta' aghali u ta' sofferenza kbira. Kien ghalhekk li jiena domt daqstant biex naccetta l-fatt li r-ragel telaq mid-dar." [fol.193].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti, wara li ezaminat l-atti, hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta, kemm ghal dak li jirrigwarda r-relazzjoni matrimonjali, liema verzjoni ssib konfort fix-xhieda tal-Psikologu Dottor John Agius; kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tad-dar matrimonjali li, fil-fehema tal-Qorti, issib sostenn qawwi u kredibbli fix-xhieda tal-genituri taghha.

Illi mill-provi jirrizulta li r-raguni ghat-tkissir tar-relazzjoni konjugali bejn il-partijiet tinstab fil-fatt li, wara hmistax-il sena zwieg, l-attur bired fil-konfront ta' martu, u abbanduna r-responsabbilitajiet tieghu fil-konfront taghha bhala martu. Rizultat ta' dan, huwa beda jgib ruhu b' mod insensittiv fil-konfront taghha, alimentat mill-fatt li hu ried li l-genituri taghha, jaghtuhom b' donazzjoni d-dar taghhom. Huwa telaq mid-dar l-ewwel darba sabiex jaghmel

pressjoni fuq il-genituri taghha biex dawn jitrasferulhom id-dar.

Izda anke meta dawn, kontra qalbhom cedew ghar-rieda tieghu bl-isperanza li jsalvaw iz-zwieg ta' binthom, huwa xorta wahda, wara ftit xhur, rega' beda jgib ruhu hazin fil-konfront ta' martu, tant li hi hasset li zewgha kien qed jaqtaghha minn hajtu; u peress li kien johrog wahdu filghaxija u jdum sa kmienu filghodu hi kienet bdiet tissuspetta li zewgha kien qed ikun infidil lejha, tenut kont li lanqas kien baqa' javvicinaha ghar-relazzjonijiet intimi.

Izda l-Qorti thoss opportun li tosserva li, minnkejja dan l-inkwiet li minnu kienet ghaddejja l-konvenuta, din xorta wahda kienet baqghet ippersistiet ghal xi zmien b' tentattiv li ssalva z-zwieg.

Illi l-Qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attur is-sevizzi kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16, stante li l-komportament tieghu, kemm qabel ma' ghaddiet tieghu bit-trasferiment tad-dar konjugali fuqhom, kif ukoll wara, kien tali li, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, irrenda nsapportabbli l-konvivenza matrimonjali ghall-konvenuta. Inoltre, il-Qorti tosserva li dan il-komportament abbuziv ghandu jattira fil-konfront ta' l-attur l-applikazzjoni, fl-intier tieghu, ta' l-artikoli 51 u 48 tal-Kap.16.

Illi rigward l-imputazzjoni ta' l-abbandun maghmula mill-konvenuta fil-konfront ta' zewgha, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta mankanti r-rekwizit taz-zmien.

Minn naha tal-konvenuta l-Qorti ma tirravviza xejn censurabbli da parti tal-konvenuta, li matul il-konvivenza matrimonjali, seta' kkontribwixxa ghas-separazzjoni.  Din il-konkluzjoni isib konfort shih fil-fatt li fl-att tac-citazzjoni mhux attribwit htija tal-konvenuta ghas-separazzjoni.

**Kura u Kustodja**

Illi llum dan il-kap jirreferi biss ghat-tifla *S* li ser issir maggjorenni dan ix-xahar stess. Ghalhekk il-Qorti tordna li l-kura u kustodja ta' din it-tifla tibqa' kongunta, filwaqt li l-

istess tifla tibqa' tghix ma' l-omm b' access favur il-missier konkordat ma' l-istess tifla minuri.

**Manteniment**

Illi l-attur ghandu jhallas manteniment lill-konvenuta, kemm ghaliha, stante li hu l-parti unikament hatja tas-separazzjoni, kif ukoll ghat-tifla sakemm din issir maggjorenni.

Illi l-attur, li ghandu degree fil-grad ta' Masters fil-Human Resources, prezenta dokument fit-18 ta' Maru 2011 [fol.365] li juri li fl-14 ta' Marzu 2011 huwa beda jahdem b' salarju annwali ta' €29,161.21 mal-Foundation for Social Welfare Services.

Illi rigward il-kontribut tieghu ghall-manteniment tat-tifla minuri, il-Qorti tordna li l-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' tnejn u hamisn ewro [€52] fil-gimgha, fl-ewwel ta' kull gimgha, u dan sakemm it-tifla ssir maggjorenni.

Illi rigward il-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta ghaliha, il-Qorti hi tal-fehema, li [1] tenut kont tal-fatt li l-konvenuta ser tibqa' tabita fid-dar konjugali vita natural durante, u allura s-sehem ta' l-attur fl-istess fond ser jibqa' ndiviz ghal zmien twil, ukoll [2] tenut kont tal-fatt li l-konvenuta hija kapaci tahdem, tant li fil-mori tal-proceduri hija kienet tahdem ma' oht l-attur fil-hanut taghha, il-Qorti, rebus sic stantibus, mhux ser tikkomputa ebda manteniment lill-konvenuta ghaliha, filwaqt li tafferma d-dritt taghha li titlob manteniment minghand l-attur fil-kaz li din involontarjament u ghal ragunijiet li ma jkunux fil-kontroll taghha tisfa minghajr introjtu.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-assi tal-komunjoni jikkomprendi l-effetti mobbli kif elenkati mill-konvenuta fil-lista prezentata minnha markata dok.LA3 u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B – fol.212]

Il-Qorti taqbel mal-pjan ta' qasma kif propost mill-konvenuta fis-sens li, filwaqt li l-attur jibqa' jzomm il-karrozza Mitsubishi Lancer, is-sufan, it-television u l-istereo, il-kumplament jibqa' jinzamm mill-istess konvenuta. Ghalhekk il-Qorti tordna li l-qsim ta' l-effetti mobbli jsir b' dan il-mod.

Illi rigward il-proprjta' parafernali tal-partijiet, il-Qorti, ukoll b' referenza ghall-imsemmija lista, tordna li kull parti tirrestitiwixxi fi zmien gimghatejn il-proprjeta' parafernali tal-parti l-ohra, kemm il-darba dan ghadu ma sarx.

Illi d-dejn fuq it-television, jithallas mill-parti li lilha gie assenjata dan l-istess television.

Illi l-fondi bankarji ezistenti fid-data tal-gudizzju odjern jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, irrispettivament jekk il-kontijiet humiex intestati fuq iz-zewg partijiet jew fuq parti wahda biss.

**Dar Matrimonjali**

Illi mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, konfermata mill-genituri taghha, hija veritiera. Il-provi juru li l-fond *Indirizz*, kien inbena mill-genituri tal-konvenuta, fuq art li huma kienu hadu permezz ta' skema governattiva, bl-intenzjoni li fil-futur imorru jghixu fiha. Kienu l-genituri taghha li hallsu kollox ghall-kostruzzjoni tad-dar, filwaqt li l-attur kien ta l-ghajnuna tieghu, kemm fit-tkahhil kif ukoll fil-istallazzjoni tad-dawl, u dan wara li l-genituri tal-konvenuta kienu nformawhom bl-intenzjoni li jhalluhom juzaw id-dar. Inoltre, huma kienu irrifondew lill-attur is-somma ta' LM2,000 ta' l-ispejjez li l-attur kien nefaq fl-aperturi.

Il-Qorti tosserva li [1] il-fatt li l-genituri tal-konvenuta kienu trasferew, b' donazzjoni, lill-partijiet proprjeta' taghhom, kontra qalbhom b' tentattiv inutili sabiex isalvaw iz-zwieg ta' binthom; [2] il-fatt li x-xoghol principalment sar minnhom, u sar totalment a spejjez taghhom; [3] il-fatt li sussegwentement l-attur ssokta bil-komportament abbuziv tieghu fil-konfront tal-konvenuta, tant li wara circa sena mit-trasferiment tal-proprjeta', huwa telaq mid-dar

konjugali; u [4] il-fatt li l-ulied minuri tal-partijiet baqghu jghixu mal-konvenuta u that il-kura taghha fid-dar konjugali, u li din baqghet tiehu hsiebhom nonostante l-inkwiet li ghaddiet minnu tort ta' zewgha; wasslu lil din il-Qorti li tikkonsidera xierqa u opportuna f' dan il-kaz l-applikazzjoni ta' l-artikolu 55A tal-Kap.16.

Ghalhekk tawtorizza lill-konvenuta tibqa' tabita fid-dar konjugali, ad eskluzzjoni tal-konvenut, flimkien ma' l-ulied tal-partijiet, *vita natural durante* jew sakemm hi tiddeciedi titlaq mid-dar, liema minnhom jigi l-ewwel; sadanittant il-proprjeta' tibqa' tappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

Illi in fine jigi osservat li, anke jekk huwa dato non concesso l-attur ma thallasx pienament tax-xoghol li hu kien wettaq fil-fond in kwistjoni, il-Qorti tikkunsidra li huwa gie kompensat tajjeb ferm bil-fatt li huwa dam jabita f' dan il-fond ghal hmistax-il sena, minghajr hlas ta' kera jew korrispettiv iehor. Inoltre, il-konvivenza matrimonjali tkissret htija tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija esklussiva ta' l-attur; u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[4] tilqa' ir-raba talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestasta 'Manteniment';

[5] tichad il-hames talba;

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;

[2] tilqa' t-tieni u r-raba talbiet fis-sens stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Dar Matrimonjali';

[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens gja fuq deciz;

[4] tilqa' il-hames talba, u tapplika fil-konfront ta' l-attur l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

[5] tilqa’ is-sitt u s-seba’ talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[6] tilqa’ t-tmien u d-disa’ talba, u xxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta’ l-akkwisti kif gja fuq deciz;
L-ispejjez kollha, kemm ta’ l-azzjoni kif ukoll tal-kontro talba ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------